MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 287/2012

**A B**

**vs**

**C D f'isimha proprio u bhala kuratrici tal-minuri E D, F D u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur B A pprezentat fil-10 ta' Dicembru 2012, wara li ppremetta:

Illi minn relazzjoni intima li l-attur kellu ma' l-intimata C D twieled it-tifel E D fl-24 ta' Ottubru 2010;
Illi l-imsemmi minuri E gie registrat fl-Att tat-Twelid relattiv bhala iben il-konvenut F D, ir-ragel tal-konvenuta, u dana stante li ghalkemm il-konjugi D ilhom separati de facto

ghal diversi snin, pero' ghadhom m'humiex separati de jure;

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali u bijologiku tal-minuri msemmi, huwa l-attur u mhux il-konvenut F D u dana hekk kif jirrizulta ukoll mid-DNA Paternity Test Report;

Illi r-rikorrenti ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri E bhala l-wild naturali tieghu;

Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti kollha personalment.

Talab lil din il-Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-konvenut F D m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E;

2. Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E dana kif jirrizulta mid-DNA Paternity Test Report;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 1083325 inkluz billi fl-istess att jitnehhew il-kliem 'F D' fil-kolonna ta' l-isem ta' missier it-tarbija u jidhlu l-kliem 'B A';

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jippublika Att tat-Twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti prezentati inkluz il-Paternity Test Report;

Rat li l-konvenut F D ghalkemm debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri E D, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri E D, tinkiseb l-

awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi preliminarjament ukoll, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha l-intimata C D giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri E D skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 782 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas illi r-rikorrenti tipproduci tali awtorizzazzjoni, ghandhom jigu nominati kuraturi jew tuturi ghall-minuri E D minn din l-Onorabbli Qorti skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi kemm fl-okkju kif ukoll tul ir-rikors guramantat tar-rikorrent, inkluz fit-talbiet, l-isem tal-minuri E D hu erronjament imnizzel 'Isaac' minflok E hekk kif jirrizulta mill-estratt stess ta' l-Att tat-Twelid ta' l-Imsemmi minuri bin-numru ta' iskrizzjoni 3375 tas-sena 2010 anness mar-rikors tar-rikorrent. Inoltre, in-numru ta' l-Att tat-twelid tal-minuri E D hu erronjament imnizzel 1083325 fit-tielet talba tar-rikorrent. Mill-istess Att tat-Twelid jirrizulta illi n-numru tar-registrazzjoni hu irregistrat bhala 3375 tas-sena 2010. Ghalhekk ghal beneficcju ta' kjarezza u kompletezza tal-gudizzju, l-esponent jinvita lir-rikorrent sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet debiti kif elenkati hawn fuq fir-rikors odjern.

4. Illi preliminarjament l-esponenti jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi struttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti B A jrid jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel E D, l-intimata C D kellha relazzjoni extramaritali mieghu, u dan ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fl-istess waqt ir-rikorrent jrid ukoll jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri E D ma'

jaqbilx ma' l-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' l-iskrizzjoni 3375 tas-sena 2010;

7. Illi bla hsara gha-suespost f'kaz li jintlaqaw t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-istess rikorrent B A sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta’ tieghu meta twieled il-minuri E D, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel E D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwlament inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit E D bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3375 ta' l-2010;

8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri E D a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem F D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3375 tas-sena 2010;

10. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponetn u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur;

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2013 fejn ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-isem 'Isaac' gie kancellat u sostitwit bl-isem 'E';

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru, 2013 fejn il-konvenuta C D giet nominata kuratrici ad litem tal-minuri E D u ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta awtorizzat lill-attur jipprocedi b'dawn il-proceduri;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha specifika d-dettalji personali tieghu;
Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr Marisa Cassar fil-21 ta' Novembru 2012 ipprezentat mill-attur mar-rikors guramentat.[1]
Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati u x-xhieda moghtija viva voce;
Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.
Ikkunsidrat
**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E D li twieled fil-24 t'Ottubru, 2010 u li fil-att tat-twelid tieghu bin-numru 3375 / 2010 gie registrata bhala wild il-konvenut F D, huwa fil-fatt iben l-attur B A.

**Provi**

Illi mill-provi imressqa jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta C D kienet mizzewga lil F D kienet ilha tghix separata *de facto* minnu u kienet ghaddejja bil-proceduri sabiex tinfetah kawza ghas-separazzjoni. B'rizultat ta' relazzjoni mal-attur twieled il-minuri E fl-24 t'Ottubru 2010. Peress li C D kienet separata *de facto* u mhux *de jure* minn ma' zewgha F D, fl-att tat-twelid tal-minuri E gie indikat li huwa iben zewgha u cioe' F D. Mit-testijiet xjentifici maghmula fil-21 ta' Novembru 2012 irrizulta li l-attur B A huwa il-missier naturali ta' E D.
Il-konvenuta C D kkonfermat li ilha tghix ma' l-attur ghal dawn l-ahhar erba' snin u li kien joqghod maghha u ma' uliedha meta twieled il-minuri fil-2010. Ikkonfermat li l-attur l-minuri jikkonsidra lill-attur bhala missieru u jsejjahlu "daddy".
Fil-21 ta' Novembru 2012 rapport mahrug mill-analista Dr Marisa Cassa 'DNA Paternity Test' iccertifika li l-probabilita li l-attur B A huwa missier naturali tal-minur E D hi ta' 99.9999%

**Konsiderazzjonijiet:**
**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi;

[1] Fol. 6

*“kull min jghid li huwa l-missier naturali ta’ tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista jmexxi b’rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x’aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel.”*

**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:-

*“F’kazijiet ta’ dikjarazzjoni ta’ paternita’ il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipprocedu b’kawza ghal dikjarazzjoni ta’ paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista’ wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f’kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta’ paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B”*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta’ att tat-twelid l-Qorti hija fid-dover timxi b’kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta’ talba ghad-dikjarazzjoni ta’ paternita twassal ghal krejazzjoni ta’ qaghda guridika gidia ghall-minuri in sostituzzjoni ta’ dik attwali.

Sabiex l-azzjoni imsejsa fuq l-artikoli 77A u 77C fuq citati tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti erba’ rekwiziti:-

1. L-azzjoni ghal dikjarazzjoni ta’ paternita’ promossa mill-attur tigi preceduta b’rikors generali fejn tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jinfethu proceduri ghad-dikjarazzjoni ta’ paternita.

Jirrizulta li ghalkemm l-attur ma talabx l-awtorizzazzjoni mehtiega qabel intavola l-kawza odjerna, tali awtorizzazzjoni inghatat fil-mori tal-kawza.[2]

2. Ir-rikors guramentat jigi istitwit kontra (a) il-mara, (b) ir-ragel taghha u (c) il-wild taghha.

Dan ir-rekwizit huwa sodisfatt

3. Ir-ragel jrid jipprova jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel.

Sew l-attur kif ukoll il-konvenuta jikkonfermaw illi fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri huma kienu gia' f'relazzjoni intima ma' xulxin.

4. Jigi ippruvat b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

It-test tad-DNA redatt minn Dr Marisa Cassar ma jhalli l-ebda dubju illi l-attur huwa effettivament il-missier bijologiku tal-minuri E.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-erba' rekwiziti huma kollha sodisfatti.
Fil-fehma tal-Qorti gie adegwatament ippruvat illi l-pussess ta' stat tal-minuri ma jaqbilx mal-istat tat-twelid tieghu u ghalhekk il-vot tal-Artikolu 81 - l-eccezzjoni numru 5 tad-Direttur tar-Registru Pubbliku - gie sodisfatt.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tad-Direttur billi:-
1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut F D ma huwiex il-missier naturali tal-minuri E;

[2] Ara digriet moghti fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2013 (fol. 26)

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tiddikjara illi l-attur B A huwa l-missier naturali tal-minuri E.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri E li jgib in-numru 3375 tas-sena 2010 billi jigu kancellati il-kliem 'F D' u l-konnotati kollha tieghu fil-kolonna ta' l-isem ta' missier it-tarbija u minflok jigi imnizzel l-isem 'B A' u l-konnotati tieghu u jkun maghruf bil-kunjom “A”, oltre li jigu kancellati l-kliem “the said”;

4. Tilqa' r-raba’ talba attrici u tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirrilaxxja Att tat-Twelid tal-minuri E bil-korrezzjonijiet maghmula.

Bl-ispejjez kontra l-attur B A u l-konvenuta C D *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------